TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 30/13/GB

**Lucienne u Helmut Piek**

**vs**

**SMS Mondial Ltd. - Orange Travel Ltd.**

Illum 5 ta' Gunju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-31 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' sitt mitt Ewro (€600.00), rapprezentanti 'tour' li huma bbukjaw minghand is-socjeta' ntimata, liema 'tour' ma kienx tal-livell li huma kienu hallsu ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

F'Awissu 2012 huma kienu xtraw tour ghal Scandinavia minghand is-socjeta' ntimata, ghall-prezz ta' elfejn mitejn disgha u disghin Ewro (€2299.00) ghalihom it-tnejn.

Ir-rikorrenti hassew illi minbarra hafna inkonvenjenzi, l-ahhar jumejn tat-tour graw diversi incidenti illi rrovinaw il-vaganza u hlewlhom hafna hin. Dawn l-ilmenti kienu jinkludu akkomodazzjoni inaccettabbli, fejn l-ewwel lejl inghataw kamra ta' livell baxx hafna, li fil-fatt sussegwentement inbiddlitilhom il-kamra; gewwa l-lukanda l-ikel tal-

'buffet' mhux dejjem kien isegwi dak li kien hemm imnizzel fil-'brochure' tas-socjeta' ntimata, tant illi kien hemm gurnata in partikolari fejn lanqas biss inghataw 'buffet' pero' kellhom jieklu dak li gie pprovdut lilhom minghajr ebda ghazla; gewwa Oslo, meta kielu gewwa l-istess restaurant ghal darbtejn, il-porzjonijiet kienu zghar hafna u ma kellhomx ghazla, u kien hemm drabi ohrajn f'postijiet diversi fejn ma nghataw l-ebda ghazla fir-rigward ta' l-ikel; kien hemm hafna hela ta' hin minhabba nuqqas ta' organizazzjoni da parte tas-socjeta' ntimata; 'day trip' dizastruza fejn spiccaw qattaw iktar hin fuq il-'ferry' milli ghamlu fuq it-'tour' innifsu.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija ma taqbel xejn ma' l-ilmenti tar-rikorrenti:

1. Rigwardanti l-lukanda, kellhom javvicinaw it-'tour leader' jekk kellhom xi lment fuq il-kamra taghom;

2. Rigwardanti l-'buffet', huwa veru illi kien hemm gurnata fejn il-lukanda ma offrietx 'buffet', pero' r-rikorrenti inghataw '3 course dinner' minnflok;

3. Rigwardanti r-'restaurant', anke fuq dan l-ilment hemm diskrepanzi ghaliex it-'tour leader' kien ghamilha cara maghhom illi l-porzjonijiet ma kienux kbar izda l-ikel kien tajjeb;

4. Rigwardanti l-programm ta' Stockholm, ir-rikorrenti kienu l-unici klijenti illi ghamlu lment. Il-programm kollu sehh hekk skond il-'brochure' tas-socjeta' ntimata;

5. Rigwardanti t-'tour' ghal Tallinn, kollox mar kif suppost u skond il-programm;

Rigwardanti l-procedura tac-'check-in', ma kien hemm l-ebda bazi ghal ilment.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew dokumenti li gew immarkati bhala Dok.LHP1 u Dok.LHP2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Xehed Peter Montebello, prodott mis-socjeta' ntimata.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm in-negozjant responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar l-istess. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, ansi jidher ampjament car mill-provi prodotti, illi hemm element ta' esagerazzjoni da parte tar-rikorrenti. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**